# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**
Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

29 ta' Awwissu 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 104/2008

## STQARRIJA TAL-KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA

### Il-ġejjieni tat-Tarzna u l-ħaddiema tagħha

Aħna nafu li d-dinja tax-xogħol u ta' l-ekonomija għandha tintiseġ fil-bilanċ bejn dak li jikkostitwixxi l-ġid komuni, il-ġid tas-soċjetà kollha, u dak li huwa l-ġid individwali, inklużi d-dinjità u d-drittijiet ta' kull ħaddiem, ta' kull persuna, ta' kull familja.

Aħna nafu li fid-dinja li qegħdin ngħixu fiha, dinja globalizzata, dan kollu sar iktar komplikat għaliex irid jgħaddi wkoll mir-realtajiet tar-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi u fl-alleanzi li jkun hemm bejn diversi pajjiżi.

Huwa f'dan il-kuntest li llum f'Malta għaddejjin diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-General Workers' Union fuq il-futur tat-Tarzna u tal-ħaddiema li jaħdmu fit-Tarzna.

Aħna napprezzaw li ż-żewġ naħat għażlu t-triq tad-djalogu biex jaslu għal ftehim ġust.

Aħna nirringrazzjaw lill-medjatur li offra lilu nnifsu biex jiffaċilita dan id-djalogu.

Aħna nitolbu liż-żewġ naħat biex jeżerċitaw l-esperjenza u l-kreatività kollha tagħhom biex jaslu għal ftehim li jieħu ħsieb il-ġid komuni fir-rispett tad-dinjità ta' kull ħaddiem li qiegħed fit-Tarzna, u tal-familji tagħhom.

Aħna nħeġġu lil kulħadd biex f'dan il-mument nappoġġjaw l-isforzi li qegħdin isiru bit-talb tagħna.

+ Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta
+ Mario Grech, Isqof ta' Għawdex
+ Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali ta' Malta